# QORTI TAL-APPELL

**IMHALLFIN**

**S.T.O. PRIM IMHALLEF SILVIO CAMILLERI**
**ONOR. IMHALLEF TONIO MALLIA**
**ONOR. IMHALLEF JOSEPH AZZOPARDI**

**Seduta ta' nhar il-Gimgha 30 ta' Settembru 2016**

**Numru 14**

**Citazzjoni numru 1713/00 RCP**

**Nicholas de Giorgio**

**v.**

**Vincent Paul u Valerie konjugi Savona**

Il-Qorti:

Rat l-att tac-citazzjoni tal-attur li gie pprezentat fit-18 ta' Awwissu, 2000, li taqra hekk:

> "Peress illi permezz ta' Skrittura Privata, datata 14 ta' Frar 1997, li kopja taghha hi annessa u esebita u mmarkata bhala Dok "A", il-konvenuti in solidum bejniethom, kienu ikkostitwew ruhhom bhala debituri certi, veri u likwidi a favur tassocjeta` Holidayplan Limited, fis-somma komplessiva ta' mitt elf Lira Maltin (Lm100,000), inkluz l-imghaxjiet relattivi.

"Peress illi ai termini tal-istess Skrittura Privata, il-hlas tas-somma ta' Lm100,000 kellu jsir mill-konvenuti in solidum bejniethom permezz ta' pagamenti rateali skont l-iskadenzi indikati fl-istess Skrittura, u bil-kundizzjoni illi f'kaz illi l-konvenuti jonqsu milli jhallsu l-ammonti fir-rispett tal-iskadenzi stipulati, dawn isiru dovuti b'effett immedjat wara li ssir id-debita talba bil-miktub.

"Peress illi l-konvenuti in solidum bejniethom effettwaw pagamenti li jammontaw, komplessivament, ghal disgha u sittin elf u sitt mitt Lira Maltin (Lm69,600), bir-rispett ghall-ewwel tliet (3) skadenzi skont l-iSkrittura Privata msemmija.

"Peress illi ghalhekk, sal-gurnata tal-prezentata ta' din ic-Citazzjoni, il-konvenuti in solidum ghandhom jaghtu s-somma ta' hmistax-il elf u mitejn Lira Maltin (Lm15,200), ammont rapprezentanti r-raba' (4) u l-hames (5) skadenzi ai termini tal-imsemmija Skrittura Privata.

"Peress illi ai termini tal-iSkrittura Privata datata 14 ta' Jannar 1998, li kopja taghha hija hawn annessa, ezebita u mmarkata bhala Dok "B", l-attur assuma d-drittijiet tas-socjeta` Holidayplan Limited.

"Peress illi l-konvenuti in solidum, minkejja illi gew diversi drabi interpellati sabiex jeffettwaw il-hlas, inkluz permezz ta' Ittri Ufficjali datati l-1 ta' Gunju 1999 u 22 ta' Gunju 2000, li kopji taghhom huma hawn annessi, ezebiti u mmarkati bhala Dok "C" u Dok "D" rispettivament, baqghu inadempjenti.

"Peress illi jezistu l-elementi kollha rikjesti mill-Ligi ai termini tal-artikoli 167 sa 170 tal-Kodici ta' Organizazzjoni u Procedura Civili, stante li dan id-dejn huwa cert, likwidu u dovut, u fil-fehma tas-socjeta` attrici, il-konvenuti in solidum ma ghandhom ebda eccezzjoni valida x'jaghtu kontra l-hlas tal-imsemmi ammont.

"Ighidu ghalhekk il-konvenuti ghaliex din il-Qorti m'ghandhiex:-

"1. Tikkundannahom in solidum bejniethom ihallsu lill-attur l-ammont ta' hmistax-il elf u mitejn Lira Maltin (Lm15,200), dovut kif fuq premess, u dan bid-dispensa mis-smigh tal-kawza a tenur tal-artikoli 167 et seq. tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili.

"Bl-ispejjez, inkluz dawk tal-ittri ufficjali datati l-1 ta' Gunju 1999 u 22 ta' Gunju 2000, tal-Mandati Kawtelatorji bin-Numri 2844/00 u 2845/00, u imghaxijiet legali mid-data tan-notifika tal-istess ittri ufficjali, rispettivament, sad-data tal-hlas effettiv, kontra l-konvenuti in solidum bejniethom, li jibqghu minn issa ingunti ghas-subizzjoni."

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-konvenuti konjugi Savonaipprezentata fl-1 ta' Dicembru, 2000, li in forza taghha eccepew:

“1. Illi t-talbiet attrici huma infondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu respinti bl-ispejjes ghar-ragunijiet segwenti:-

“2. Illi l-attur jippretendi li jidderiva d-drittijiet tieghu minn ghand Holiday Plan Limited li suppost tidderiva d-drittijiet taghha mill-iskrittura ta’ kostituzzjoni ta’ debitu originali tal-14 ta’ Frar 1997 (Dok “A” anness mac-citazzjoni), bejn Holiday Plan Limited u l-konvenuti. Izda din l-iskrittura hija nulla u bla effett stante illi:

“a) ma gietx firmata minn persuni awtorizzati illi jirrappresentaw lis-socjeta` Holiday Plan Ltd - cioe’ miz-zewg diretturi ta’ dak iz-zmien tal-istess socjeta` - u dan a tenur tal-artikolu 122 tal-Kap 168;

“b) il-kunsens tal-konvenuti meta iffirmaw l-istess skrittura kien vizzjat bi vjolenza;

“c) l-iskrittura kienet ibbazata fuq kawza illecita.

“3. Dejjem subordinatament u minghajr pregudizzju, l-attur jippretendi illi jidderiva d-drittijiet tieghu wkoll mill-iskrittura tal-14 ta’ Jannar 1998 bejn Holiday Plan Ltd u l-attur (Dok “B” anness mac-citazzjoni). Izda, din l-iskrittura ukoll hija nulla u bla effett stante illi:

“a) ma gietx iffirmata minn persuna awtorizzata illi tirrappresenta lil Holiday Plan Ltd - cioe’ mid-direttur ta’ dak iz-zmien tal-istess socjeta` u dan a tenur tal-artikolu 428 (4) tal-Att XXV tal-1995 u tal-artikolu 122 tal-Kap. 168;

“b) il-kawza li tidher fuq l-iskrittura hija wahda simulata u intiza biss ghal skopijiet ta’ evazjoni fiskali.

“4. Dejjem subordinatament u minghajr pregudizzju, in kwantu l-iskrittura tal-14 ta’ Jannar 1998 kienet intiza li tassenja kreditu minn Holiday Plan Ltd lill-attur kontra l-konvenuti, kienet soggetta ghall-hlas ta’ taxxa fuq id-dokumenti li ma jirrizultax li thallset u dan a tenur tal-artikolu 36 tal-Att VII tal-1993 u inoltre mhiex producibbli bhala dokument u bhala prova tal-allegat kreditu tal-attur kontra l-konvenuti u dan a tenur tal-artikolu 13 tal-istess Att.

“Salvi eccezzjonijiet ohra u b’riserva ta’ kull azzjoni spettanti lill-konvenuti inkluza dik ghar-rifusjoni tal-ammonti kollha imhallsa kif fuq spjegat.”

Rat in-nota ta’ eccezzjonijiet ulterjuri tal-konvenuti datata 10 ta’ April 2006 fejn eccepew:

> "Illi t-talbiet attrici ghandhom jigu respinti bl-ispejjez stante li huma nfondati fil-fatt u fid-dritt ghar-ragunijiet segwenti;
>
> "1. Illi l-attur m'ghandux interess guridiku peress li fl-14 ta' Jannar 1998 il-Kumpanija Holiday Plan Limited kienet inezistenti u ghalhekk inkapaci li tassenja kreditu lill-attur. Ghalhekk ma setgha sar l-ebda cessjoni ta' kreditu da parte ta' Holiday Plan Limited.
>
> "2. Illi dejjem minghajr pregudizzju ghas-suespost, dawn il-proceduri huma monki in kwantu l-attur naqas milli josserva dak li jiddisponi l-artikolu 1471 tal-Kodici Civili (Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta) qabel ma pprezenta l-kawza odjerna.
>
> "Salv eccezzjonijiet ulterjuri kemm-il darba jkun il-kaz."

Rat is-sentenza tal-Prim'Awla tal-Qorti Civili tas-26 ta' April, 2012, li in forza taghha iddecidiet il-kawza billi filwaqt li laqghet l-eccezzjonijiet 2 (a) u 3 (a) u (b) u 4 tal-konvenuti biss in kwantu l-istess huma konsistenti ma' dak hemm deciz, u wkoll l-ewwel eccezzjoni fin-nota ta' eccezzjonijiet ulterjuri tal-konvenuti datata 10 ta' April 2006, biss in kwantu l-istess hija konsistenti ma' dak hemm deciz, cahdet it-talba attrici bhala infondata fil-fatt u fid-dritt ghar-ragunijiet hemm decizi. Bl-ispejjez kontra l-attur.

Dik il-Qorti tat is-sentenza taghha wara li ghamlet is-segwenti konsiderazzjonijiet:

> "Illi l-azzjoni odjerna hija derivanti mill-effetti ta' zewg skritturi privati, u cioe kostituzzjoni ta' debitu bejn Holiday Plan Limited u l-konvenuti, datata 14 ta' Frar 1997 u skrittura ohra ta' assenjazzjoni ta' kreditu bejn Holiday Plan Limited u l-attur datata 14 ta' Jannar 1998.
>
> "Illi mid-dokumenti esebiti u aktar specifikatament mid-dokumenti registrati tal-kumpanija Holiday Plan Limited (Dok. "CB"), jirrizulta illi l-istess kumpanija giet registrata fl-1990 taht l-Ordinanza tas-Socjetajiet Kummercjali u li kienet tinnegozja principalment fil-qasam tat-turizmu.

Jirrizulta illi bhala l-ewwel direttur taghha kien appuntat Brian Navarro. Fis-6 ta' Ottubru 1993 gie appuntat bhala direttur ukoll l-attur Nicholas De Giorgio. Illi jirrizulta wkoll illi l-imsemmi Navarro baqa' jokkupa l-kariga ta' direttur sat-18 ta' Marzu 1997 biex b'hekk wara dik id-data l-uniku direttur tal-istess Kumpanija kien l-attur Nicholas De Giorgio.

Illi permezz ta' rizoluzzjoni tal-Bord tad-Diretturi ta' Holiday Plan Limited mehuda fl-24 ta' Marzu 1997 u kif ukoll rizoluzzjoni tal-Bord tad-Diretturi ta' Five Limited, il-Kumpanija Holiday Plan Limited giet merged fil-Kumpanija Five Limited b'dan illi meta l-imsemmi merger jigi effettiv is-socjeta` kummercjali Holiday Plan Limited ma tibqax tezisti. Dan il-process gie effettivament konkluz fl-20 ta' Settembru 1997 biex b'hekk mill-imsemmija data il-kumpanija Holiday Plan Limited giet struck off mir-Registru tal-Kumpaniji (ittra datata 24 ta' Novembru 2005).

"Illi l-konvenut Savona stqarr illi fl-1997 huwa kien jahdem Londra bhala General Manager ta' Thomson Holidays u li l-attur bhala direttur ta' Holiday Plan Limited kien talbu jistghax jghinu jikseb xi ftit mill-business tal-agenzija ta' Thomson Holidays f'Malta. Huwa jispejga illi huwa kien strumentali sabiex Holiday Plan Limited tikseb ammont konsiderevoli ta' business minghand Thomson. Ghaldaqstant l-attur u l-konvenut kellhom ftehim li l-qligh kollu jinqasam bin-nofs. Huwa spjega illi fil-kuntratt ta' impjieg tieghu ma' Thomson huwa ma setghax ikollu business tieghu u ghalhekk huwa kellu jkun "sleeping partner" f'Holiday Plan Limited.

"Illi gara illi Thomson Holidays saru jafu li l-konvenut kien qieghed jinnegozja flimkien mal-attur. Sadattant Holiday Plan Limited kienet intavolat kawza kontra Thomson Holidays ghal ksur tal-kuntratt li l-istess socjeta` kellha maghha. Nel frattemp Thomson Holidays kien irrizultalhom illi l-konvenut kien socju fil-business mal-attur u insistew mal-konvenut li ma setghax jintlahaq ebda ftehim mieghu jekk l-attur ma jcedix il-kawza li huwa kien intavola.

"Illi ghaldaqstant il-konvenut kien talab lill-attur icedi l-kawza pero l-istess attur kien talbu Lm100,000 bhala kumpens. Il-konvenut jispjega illi peress li sahhtu kienet qed tiddeterjora kellu bilfors jilhaq ftehim ma' Thomson Holidays u ghalhekk ceda ghall-pressjoni tal-attur u accetta li jhallsu l-ammont li talbu. B'rizultat ta' dan giet iffirmata l-iskrittura ta' kostituzzjoni ta' debitu tal-14 ta' Frar 2007.

"Illi l-konvenut jispjega illi huwa ghamel pagament ta' 40,000 sterlina f'Marzu tal-1997 u pagament iehor ta' 60,000 sterlina f'Gunju tal-1997 (Dok. "B" – fol. 110). Illi meta gie ghat-tielet pagament, wara parir legali, huwa ipprezenta bank draft lill-attur pagabbli lil Holiday Plan Limited. L-attur ma accettax l-imsemmi bank draft u sussegwentement l-attur ipprezenta lill-konvenut l-iskrittura tac-cessjoni tal-kreditu minn Holiday Plan Limited favur l-attur. Il-konvenut imbaghad kien ghamel bank draft pagabbli lill-attur personalment fl-ammont ta' Lm7,600 (Exhibit 2 fol. 57). Illi wara dan l-ahhar pagament, ma saru l-ebda pagamenti ohra

stante li l-konvenut allega li l-iskrittura tal-14 ta' Frar 2007 kienet nulla u bla effett peress li l-kunsens tieghu kien vizzjat bi vjolenza u wkoll ghaliex l-istess skrittura kienet ibbazata fuq kawza illecita. Illi l-konvenut jispjega illi meta jghid vjolenza irid ifisser illi fiz-zmien in kwistjoni kellu inkwiet kbir ma' Thomson Holidays u kien nefaq eluf kbar ta' liri f'avukati u kellu l-passaport mizmum mill-Qrati Inglizi. Hu l-konvenut, Joseph Savona, jispjega illi t-theddid li skont hu kellu huh kien li jekk huh ma jaghtix il-flus lil Holiday Plan Limited hu kien se jkollu pressjoni iktar minn Thomson.

"Illi hu l-konvenut, Joseph Savona, xehed permezz ta' affidavit fejn qal li hu kien jagixxi fl-interess ta' huh Vincent Savona u li kien hemm kwistjoni bejn huh u Degiorgio li inghalqet b'kompromess fejn gie miftiehem li huh ihallas Lm100,000 lill-attur. Hu qal li kien gie enfasizzat da parti tal-attur u ta' Dr. Perici Calascione li l-attur ma riedx juri li kien se jircievi dawn il-flus sabiex ma jhallasx taxxa fuqhom. In kontro-ezami l-istess xhud spjega li huh kien mhedded li jekk ma jaghtix flus lil Holiday Plan Ltd. kien se jkollu iktar pressjoni minn Thomson Holidays. Hu xehed ukoll illi l-attur kien iffirma share transfer certificate u dan wara li huma hallsu Lm12,500 li pero qatt ma gie registrat.

"Illi l-attur in subizzjoni, mistoqsi ghala kienet saret l-assenjazzjoni tal-14 ta' Jannar 1998, qal li huwa kien mexa fuq pariri tal-accountants u l-awdituri tieghu. Huwa jistqarr li ma kienx jaf li fiz-zmien li saret ic-cessjoni tal-kreditu il-kumpanija Holiday Plan Limited kienet spiccat.
Illi l-attur xehed ukoll b'affidavit fejn qal li r-relazzjoni mal-konvenut Savona kienet wahda strettament kummercjali u cioe` ftehim verbali li l-konvenut kellu jindirizza x-xoghol li kellhom Thomson Holidays lejn is-socjeta` Holiday Plan Ltd u dan versu hlas ta' commission fees. Huwa qal ukoll li kien iffirma share certificate transfer favur il-konvenut bhala garanzija tal-hlas tal-imsemmija commission fees. Huwa stqarr illi wara xi zmien gie infurmat li Thomson Holidays kienu qed jinvestigaw lill-konvenut u kienu se jipprocedu kontrih. Peress li Thomson Holidays kienet waqqfet in-negozju mal-kumpanija Holiday Plan Ltd giet inizjata kawza kontra l-istess Thomson Holidays. Pero' f'okkazjoni minnhom hu l-konvenut kien talbu biex icedi din il-kawza u sar ftehim li Holiday Plan Ltd iccedi l-kawza versu hlas minghand il-konvenut ta' Lm100,000. Wara dan il-ftehim, il-konvenut hallas diversi ammonti.

"Illi l-attur xehed li kien hemm merger bejn Holiday Plan Ltd u Five Ltd u kif ukoll kien hemm trasferiment tad-drittijiet tal-Holiday Plan ghal fuqu personalment. Jghid ukoll illi l-ahhar pagament li ghamel il-konvenut u cioe dak ta' Lm7,600 kien maghmul f'ismu personali permezz ta' bank draft datat 15 ta' Jannar 1998 u dan stante li hu kien ittrasferixxa d-drittijiet ta' Holiday Plan Ltd fuq ismu personali u l-istess konvenut kien accetta dan minghajr ebda problema. Jistqarr illi wara dan il-pagament ma rcieva xejn iktar u li ghalhekk fadal bilanc ta' Lm30,400.

"Illi ghal dak li huma l-konsiderazzjonijiet legali li japplikaw ghall-kaz in ezami dwar l-iskrittura tal-kostituzzjoni ta' debitu datata 14 ta' Frar 1997 jinghad li l-ewwel eccezzjoni tal-konvenuti hija fis-sens li tali skrittura ta' kostituzzjoni ta' debitu hija nulla u bla effett stante illi ma gietx iffirmata minn zewg persuni awtorizzati illi jirrapprezentaw lis-socjeta` Holiday Plan Limited – cioe` miz-zewg diretturi ta' dak iz-zmien tal-istess socjeta` - u dan a tenur tal-**artikolu 121 tal-Kap. 168**.

"Illi artikolu **121 tal-Kap 168** jghid is-segwenti:-

> "(1) "In-negozju ta' kumpanija ghandu jitmexxa minn direttur wiehed jew izjed, li jistghu jezercitaw dawk is-setghat kollha tal-kumpanija li, b'din l-Ordinanza jew bil-memorandum jew bl-istatut tal-kumpanija, ma jkunux mehtiega li jigu ezercitati mill-kumpanija f'laqgha generali".
>
> "(2) Kemm-il darba ma jkunx mahsub xort'ohra fil-memorandum jew fl-istatut tal-kumpanija kull tnejn mid-diretturi, jew, jekk ikun hemm direttur wiehed biss, dak id-direttur, ghandhom jirraprezentaw lill-kumpanija."

"Illi skont il-konvenuti, il-ftehim tal-kostituzzjoni ta' debitu kellu jkun iffirmat minn zewg diretturi billi l-istatut ma kienx jipprovdi mod iehor. Huma jsostnu ghalhekk li kwalunkwe delega li saret versu Dr. Alex Perici Calascione ma setghetx issir ghax mhux awtorizzata mill-Bord tal-istess diretturi. Il-konvenuti jaghmlu referenza ghal artikolu 18 tal-Articles of Association li jghid issegwenti: "The Board shall have the power to transact all business of whatsoever nature not expressly reserved by the Memorandum and Articles of the Company or by a provision of any law for the time being in force to be exercised by the Company in General Meeting or in respect of which specific provision is made in these Articles" u dan skont l-Articles of Association iffirmati fis-7 ta' Lulju 1990 (Dok. "CB" – fol. 129).

"Illi fin-nota ta' osservazzjonijiet tieghu l-attur jissottometti illi f'dan il-kaz kellu japplika l-**Kap 386** u mhux il-**Kap168**. Izda hawn issir riferenza ghat-**Taqsima XIII tal-Att Dwar il-Kumpaniji** u senjatament ghal **artikolu 428 (4)** tal-istess **Kap. 386** fejn hemm espressament jinghad li qabel l-1 ta' Marzu 1998 socjetajiet kummercjali ffurmati u registrati taht l-**Ordinanza Dwar Socjetajiet Kummercjali** kellhom sal-istess data ikomplu jigu regolati bl-Ordinanza. Illi ghalhekk certament fid-data meta saret il-kostituzzjoni ta' debitu fl-14 ta' Frar 1997 l-Ordinanza kienet ghadha qed tirregola lis-socjeta` Holiday Plan Limited, liema Ordinanza f'**artikolu 121 (2)** tirrikjedi, f'kaz li kumpanija jkollha tnejn jew izjed diretturi, li mill-inqas zewg diretturi jirraprezentaw lill-kumpanija, liema diretturi fiz-zmien tal-iffirmar tal-iskrikttura kienu Brian Navarro u Nicholas DeGiorgio u dan kif jirrizulta minn Dok. "CB".

"Illi fin-nota ta' kritika taghhom l-istess atturi jirreferu ghas-sentenza tal-Onorabbli Qorti tal-Appell fl-**ismijiet "Deidre Cachia vs Gaba**

**Diamonds Company Limited"** (28 ta' Novembru 2003) izda din il-Qorti bir-rispett dovut lejn l-istess Qorti, ma taqbilx ma' tali insenjament u tikkonferma dak li gie ritenut fis-sentenza **"Deidre Cachia vs Gaba Diamonds Company Limited"** (P.A. (RCP) – 8 ta' Novembru 2000) u hawn din il-Qorti fil-waqt li tirreferi ghal dak li nghad minn din il-Qorti f'din l-istanza, ssir riferenza ghal dak li inghad mill-Professur Andrew Muscat fil-ktieb **Principles of Maltese Company Law** fejn dan sostna li bil-mod kif giet applikata t-Torquand's Rule mill-Onorabbli Qorti tal-Appell f'din id-decizjoni citata mill-attur fin-nota ta' kritika tieghu jirrzulta li tali regola hija biss intenzjonata "that the rule only protects a third party dealing with a company against irregularities in its internal management which are not usually ascertainable by the third party. In the case before the Court, however, the representation of the company could easily have been ascertained by the plaintiffs from the reading of the company's memorandum and articles and the provisions of the Commercial Partnerships Ordinance". Fil-fatt jinghad ukoll li "The memorandum and articles of association did not, apparently contain a representation clause and accordingly the provisions of article 121 (1) of the Commercial Partnerships Ordinance applied. The judgment of the Court of Appeal is not entirely clear on this matter" (pagni 862 u 863).

"Illi ghalhekk l-iskrittura tal-kostituzzjoni ta' debitu hija nulla u ghalhekk ma jidhirx li hemm bzonn li tigi investita il-kwistjoni tal-kunsens vizzjat tal-konvenuti u l-eccezzjoni li l-iskrittura kienet bazata fuq kawza illecita. Izda biss ghall grazzja tal-argument biss din il-Qorti sejra tikkonsidra l-istess dejjem bla pregudizzju ghall dak hawn ritenut. F'dan il-kuntest kieku l-istess skrittura tigi ghall-mument ikkunsidrata bhala valida l-konvenuti jeccepixxu wkoll illi l-kunsens taghhom fuq l-iskrittura ta' kostituzzjoni ta' debitu kien vizzjat stante li kien karpit bi vjolenza.

"Illi l-**artikolu 974 tal-Kap 16** tal-Ligijiet ta' Malta jipprovdi illi:

> "Jekk il-kunsens ikun gie moghti bi zball, jew mehud bi vjolenza jew b'eghmiel doluz, ma jkunx jiswa".
>
> "Illi l-**artikolu 978** imbaghad jipprovdi illi:-
>
> "(1) Il-kunsens jitqies mehud bi vjolenza meta l-vjolenza hija tali li tahkem fuq persuna ragonevoli w iggieghla tibza' li hija nfisha jew hwejjigha jistghu jigu mqieghda ghal xejn b'xejn f'perikolu ta' hsara kbira.
>
> "(2) F'dawn il-kazijiet ghandhom jitqiesu l-eta', is-sess u l-kundizzjoni tal-persuna".

"Illi fis-sentenza **"Avv. Nicolo' Delia vs Onorato Pisani proprio et nomine"** (A.C. - 14 ta' Marzu 1930 - Vol. XXVII.i.883) nghad li "La nullita` che non e' espressamente comminata dalla legge e che non succede ipso jure si deve proporre per via di azione e non gia' per via

di eccezione. Dalla regola di diritto quae temporalia sunt ad agendum perpetua ad excipiendum, canonizzata nell-articolo 934 dell'Ordinanza No. VII del 1868, non si puo' dedurre che qualunque specie di nullita` si possa proporre per via di eccezione".

"Illi din l-interpretazzjoni tidher li kienet bdiet tigi addottata sa mis-seklu dsatax (ara per ezempju sentenza moghtija mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili fil-kawza fl-ismijiet **"Carmela Agius ed altri vs Dr. Francesco Frendo nomine ed altri"** deciza fil-15 ta' Marzu 1876, Vol. VII.549). Pero' fil-kawza fl-ismijiet **"P.L. Edoardo Frendo noe vs Antonio Chetcuti et"** (K (WH) - 15 ta' Jannar 1952 – Vol. XXXVI.iii.604) il-Qorti addottat fehma differenti fis-sens li meta debitur ma jridx jezegwixxi obbligazzjoni minhabba vizzju tal-kunsens (f'dak il-kaz inghata l-ezempju ta' zball dwar is-sustanza tal-haga jew frodi), din l-allegazzjoni tista' tingieb 'il quddiem fl-istess kawza b'eccezzjoni u ma kienx hemm ghalfejn issir kawza separata. Fil-kawza flismijiet **"Mario Mizzi nomine vs Mario Grech et nomine"** (P.A. (PS) - 3 ta' Ottubru 2003) il-Qorti accettat l-ammissibilita' ta' eccezzjoni li l-kunsens fi ftehim ta' assigurazzjoni kien vizjat minhabba ghemil doluz meta l-attur ipprovda informazzjoni skorretta fi proposal form, u b'dan il-mod is-socjeta` konvenuta ma kelliex ghalfejn tistitwixxi proceduri ad hoc sabiex il-ftehim jigi rexiss.

"Illi kif inghad fis-sentenza **"Godfrey Aquilina noe vs Vincent Borg et"** (P.A (AJM) - 10 ta' Marzu 1997 – Vol LXXXI.III.44), il-"kuntratti u konsegwentement l-obbligazzjonijiet naxxenti minnhom, jistghu jigu rexissi jekk jonqos xi wiehed jew izjed mill-elementi essenzjali mehtiega ghall-validita` ta' kuntratt u cioe` kapacita`, kunsens, oggett u kawza lecita".

"Illi huwa car illi fil-kaz in dizamina illi dak li qeghdin jinvokaw il-konvenuti huwa illi meta ffirmaw l-iskrittura huma kienu soggetti ghal vjolenza morali. Skont il-konvenut il-vjolenza kienet is-segwenti u cioe "Meta ghidt vjolenza ridt infisser mhux vjolenza fizika imma nfisser li dak iz-zmien jiena kelli inkwiet kbir ma' Thomson Holidays. Il-kuntratt tax-xoghol tieghi ma' Thomson kien jipprojbixxini milli naghmel negozju privat. Infatti kelli hafna xoghol privat, tant li jiena u hija konna xtrajna nofs il-Holiday Plan minghand Degiorgio li ghaliha hallasna Lm12,500 lil Degiorgio." Il-konvenut jghid li meta Thomson indunaw b'dan kollu, pprova jilhaq arrangament maghhom pero` wahda mill-klawsoli li riedu kienet li jikkonvinci lil Degiorgio icedi l-kawza. Pero` wara hafna negozjati Degiorgio qallu li biex icedi l-kawza ried Lm100,000. Huwa jghid li din kienet vjolenza kbira fuqu fis-sitwazzjoni li kien qieghed fiha u wara li kien spicca bla passaport stante li l-Qrati Inglizi kienu hargu ordni li awtorizzat lil Thomson izommu f'idejhom il-passaport tal-konvenuti u wkoll wara li kien nefaq eluf kbar ta' liri f'avukati.

"Illi kif intqal fil-kawza **"Edgar G. Soler nomine vs H.D. Sir David Campell nomine"** (Vol. XXXIII.i.431) "Biex il-vjolenza morali tikkostitwixxi vizzju tal-kunsens li jwassal ghan-nullita` tal-kuntratt,

hemm bzonn li dik il-vjolenza tkun il-kawza determinanti tal-kuntratt u li l-kunsens ikun il-frott tal-vjolenza ezercitata biex jigi ottenut il-kunsens u mhux biex jigi ottenut skop divers, u trid tkun ukoll l-opera tal-persuna li ezercitata biex tottjeni dan il-kunsens".

"Illi kif inqal ukoll fil-kawza **"Rosario Bartolo vs Giovanni Bartolo"** (Vol. XXIX.ii.749) "Biex il-vjolenza morali tammonta ghall-vizzju tal-kunsens hemm bzonn li tkun determinanti, ingusta u gravi u tali li taghmel impressjoni fuq persuna ragonevoli u li tiggenera l-biza li tesponi ingustament lill-persuna taghha jew il-gid taghha ghal dannu gravi…Il-kwistjoni jekk hemmx vjolenza hija indagni li hija mhollija fil-prudenza tal-gudikant."

"Illi madankollu l-ezercizzju ta' dritt jew anke l-pretensjoni ta' dritt kontra terz fl-ambitu ta' proceduri gudizzjarji bl-ebda mod ma' jista' jitqies bhala element kostituttiv ta' vjolenza morali fit-termini tal-ligi. Fejn dak id-dritt jezisti, kreditur ikun pjenament gustifikat li jezercitah u d-debitur ma jistax javvanza l-pretensjoni li l-effett negattiv ta' l-ezercizzju ta' dak id-dritt kien tant serju li seta' jigi kkwalifikat bhala xi forma ta' vjolenza morali fuqu. Fejn dan id-dritt hu biss pretiz, u anke jekk jirrizulta eventwalment infondat, id-debitur ghandu dejjem a dispozizzjoni tieghu rimedji legali biex jikkontrasta l-pretensjoni tal-kreditur li jidhirlu li hi ingusta. Tali opportunita` ta' difiza gudizzjarja effettiva tinnewtralizza kull forma ta' vjolenza u d-debitur ma ghandu l-ebda jedd li jcedi ghall-pretensjoni allegatament ingusta tal-kreditur bil-hsieb li javvanza l-iskuzanti tal-vjolenza morali fi stadju iehor. Fil-kaz in dizamina huwa rilevanti wkoll illi l-konvenuti hallsu tlett pagamenti tar-ripagament wara l-iffirmar tal-iskrittura. Hu allura car illi kull darba li sar pagament, il-konvenuti kienu qed jirratifikaw l-iskrittura minnhom iffirmata u jgibu fix-xejn l-eccezzjoni taghhom li l-kunsens taghhom kien ivvizzjat kif minnhom allegat.

"Illi dan qieghed jinghad minghajr pregudizzju ghall-fatt illi jekk il-konvenut sab ruhu fis-sitwazzjoni li sab ruhu fiha hu biss tort tal-agir tieghu stante li kien jaf ben tajjeb dak li kien ipprojbit li jaghmel mill-kumpanija li kien jahdem maghha, u ghalhekk kwalunkwe gwaj li jillamenta minnu sab ruhu fih b'eghmilu stess. Issa huwa ma jistax jippretendi li jiehu opportunita' minn dak li huwa jsostni li kienet vjolenza morali ezercitata fuqu mill-attur, u dan peress li c-cirkostanzi li sab ruhu fihom kien gabhom b'idejh.

"Illi di piu`, l-iskrittura in kwistjoni b'ebda mod ma wiehed jista' jghid li saret minn persuna li ma kinitx taf x'inhi taghmel. Kif qalet l-Onorabbli Qorti ta' l-Appell fil-kawza **"Evan Tony Camilleri et vs Michelina Vella"** (9 ta' Gunju 2003) l-istat ta' anzjeta` u turbolenza tal-persuna ma jfissirx li l-kunsens ikun vizzjat, ghax fin-nuqqas ta' prova ta' theddida ta' vjolenza fizika impellenti, darba li jirrizulta li l-kontraent kien jaf x'inhu jaghmel, il-kuntratt m'ghandux jithassar u allura kieku l-iskrittura kienet validament maghmula ma jirrizultax li l-kunsens tal-konvenuti fuq l-istess skrittura kien karpit bi vjolenza.

"Illi l-konvenuti jeccepixxu wkoll in-nullita` tal-iskrittura ta' kostituzzjoni ta' debitu abbazi ta' kawza illecita u l-**artikolu 987 tal-Kodici Civili (Kap. 16)** jistipula illi:-

> "L-obbligazzjoni minghajr kawza, jew maghmula fuq kawza falza jew illecita, m'ghandha ebda effett".

"Illi mill-provi jirrizulta illi dak li wassal ghall-iffirmar tal-imsemmija skrittura kien il-fatt illi Thomson Holidays kienet giet a konoxxenza illi l-konvenut kien qieghed jinnegozja mal-kumpanija Holiday Plan Ltd. minn wara dahrha u ghalhekk talbitu illi sabiex isir xi tip ta' ftehim mieghu huwa kellu jara li Holiday Plan Ltd. twaqqaf il-proceduri li kellha kontrieha wara li din tal-ahhar itterminat il-kuntratt li kellha ma' Holiday Plan Limited.

"Illi mill-provi prodotti ma tirrizultax li kien hemm ebda kawza llecita bhala bazi tal-obbligazzjoni in kwistjoni. In oltre, anke kieku kellu jigi accettat li kien hemm illecita`, mhux gust li 'ex post facto' l-konvenuti jippretendu li ghandhom jivvantaggjaw ruhhom bit-turpitudini taghhom stess biex jirrezistu l-hlas minghandhom reklamat. Kif rilevat fil-kawza **"Antonio Cassar noe v. Boris Arcidiacono"** (A.C. -5 ta' Ottubru 1998) "id-dispozizzjonijiet tal-Artikoli 987 sa 991 tal-Kodici Civili ma humiex intizi biex jaghtu xi drittijiet lil min ikun konxjament u deliberatament ikkontratta obbligazzjoni b'kawza illecita jew kontra l-ordni pubbliku imma kienu biss intizi bhala deterrent kontra l-ezekuzzjoni ta' tali obbligazzjoni". Ghalhekk anke din l-eccezzjoni, kieku tali skrittura hija valida, ma tistax tigi milqugha.

"Illi dwar l-iskrittura tac-cessjoni ta' kreditu datata 14 ta' Jannar 1998 cioe' dik ta' cessjoni ta' kreditu minn Holiday Plan Limited lill-attur, il-konvenuti jeccepixxu li l-istess hija nulla u bla effett stante illi:-

"(a) ma gietx iffirmata minn persuna awtorizzata illi tirraprezenta lil Holiday Plan Ltd – u cioe` mid-direttur ta' dak iz-zmien tal-istess socjeta` u dana a tenur tal-**artikolu 428 (4) tal-Att XXV tal-1995 u tal-artikolu 122 tal-Kap 168;**

"(b) il-kawza li tidher fuq l-iskrittura hija wahda simulata u intiza biss ghal skopijiet ta' evazjoni fiskali.

"Illi l-attur fin-nota ta' sottomissjonijiet tieghu isostni li Dr. Alex Perici Calascione kellu kull awtorita` li jiffirma tali cessjoni ghan-nom tas-socjeta` Holiday Plan Limited u dan permezz ta' prokura datata 13 ta' Frar 1997 u ghalhekk ic-cessjoni hija wahda valida.

"Illi tajjeb li jibda biex jinghad illi l-imsemmija prokura ma tinsabx fl-atti u allura japplika l-principju li "quod non est in acti non est in mundo". Tajjeb li jinghad ukoll illi l-istess prokura ma tissemmix fl-iskrittura tac-

cessjoni ta' kreditu izda fl-iskrittura tal-kostituzzjoni ta' debitu. Illi ghaldaqstant, jidher li l-attur ikkonfonda skrittura ma' ohra.

"Illi fir-rigward tal-allegata simulazzjoni ghal skopijiet ta' evazjoni ta' taxxa gie prodott Francis Catania, rapprezentant tal-Kummissarju tat-Taxxi Interni, li qal li minn ricerka li saret mill-1 ta' Jannar 1998 sal-2002 ma rrizulta li thallas l-ebda boll fuq ic-cessjoni in kwistjoni. Pero` sussegwentement xehed ukoll Ivan Portelli in rapprezentanza tal-Kummissarju tat-Taxxi Interni li qal fl-24 ta' Ottubru 2001 l-attur hallas is-somma ta' Lm998 lid-Dipartiment tat-Taxxi Interni liema pagament gie klassfikat bhala "Unclassified Transfer of Credit". Hu pero ma kienx jaf ir-raguni ta' dan il-pagamenti peress li d-Dipartiment ma jzommx records f'dan is-sens. Qal ukoll illi fl-1 ta' Dicembru 2006 l-attur kien kiteb lid-Dipartiment biex tintbaghtlu kopja tar-ricevuta in kwistjoni fejn l-istess attur kien qal li l-hlas relattiv kien ghal "stamp duty". Nonostante dan, fl-atti ma jirrizulta li giet ipprezentata l-ebda ricevuta ghall-hlas tal-boll relattiv. Kien jinkombi fuq l-attur, in vista tal-istess eccezzjoni, illi jipprova illi huwa hallas il-boll rigwardanti l-istess skrittura, prova li fl-opinjoni tal-esponenti ma saritx.

"Illi ghaldaqstant, anke in vista ta' din l-eccezzjoni, l-attur ma jistax jittenta azzjoni bazata fuq l-istess skrittura stante li l-**artikolu 36 tal-Att Dwar it-Taxxa Fuq Dokumenti u Trasferimenti (Kap 364)** fiz-zmien li saret ic-cessjoni kien jimponi taxxa fuq ic-cessjoni tal-krediti u f'kaz li tali taxxa ma tkunx thallset, **artikolu 13** tal-istess Att jipprovdi li allura tali skrittura ma setghetx tingieb bhala prova quddiem il-Qorti.

"Illi l-konvenut eccepixxa ulterjorment illi meta l-kumpanija Holiday Plan Limited assenjat lill-attur il-kreditu li kellha abbazi tal-iskrittura li kienet iffirmat mal-konvenuti fl-14 ta' Frar 1997, l-istess kumpanija kienet waqfet milli tezisti u ghalhekk ma setghet qatt taghmel tali assenjazzjoni. Illi ghalkemm kif diga gie rilevat iktar 'il fuq, l-iskrittura tal-14 ta' Frar 1997 hija nulla, ghall-grazzja tal-argument biss din il-Qorti xorta tirrelata dwar din l-eccezzjoni ulterjuri.

"Illi f'dan ir-rigward jirrizulta s-segwenti:-

"Illi fis-seduta tat-13 ta' Marzu 2006 xehdet Claire Borg in rapprezentanza tal-Registratur tal-Kumpaniji fejn qalet illi l-Kumpanija Holiday Plan Limited giet struck off mir-Registru tal-Kumpaniji fl-20 ta' Settembru 1997 u dan wara li kien hemm merger. Mid-dokumenti esebiti mill-istess xhud, riferibbilment ghal Dok. "CB" li huma essenzjalment ir-registered documents tal-istess kumpanija, jirrizulta illi fl-24 ta' Marzu 1997 ir-Registru tal-Kumpaniji gie mgharraf li Five Limited akkwistat il-kumpanija Holiday Plan Limited. Illi r-registrazzjoni tal-istess merger gie effettwat mir-Registru koncernat fl-20 ta' Mejju 1997 filwaqt li l-Avviz li sehh tali merger fil-Gazzetta tal-Gvern ta' Malta gie pubblikat fl-20 ta' Gunju 1997. Illi ghalhekk stante li ma jirrizultax li saret ebda opposizzjoni fit-terminu li tipprevedi l-ligi, il-merger in kwistjoni beda jsehh tlett xhur wara l-istess pubblikazzjoni u cioe fl-20

ta' Settembru 1997. Difatti, fuq l-ewwel pagna tad-dokumenti esebiti mill-istess xhud hemm imnizzel is-segwenti "Holiday Plan Ltd Registration No. C11632 Struck off on the 20th day of September 1997."

"Illi ghalhekk jirrizulta illi fl-14 ta' Jannar 1998, u cioe' d-data meta Dr. Alexander Perici Calascione deher ghan-nom ta' Holiday Plan Limited sabiex jigi trasferit u assenjat il-kreditu li kellha l-istess kumpanija kontra l-konvenuti lill-attur personalment, il-kumpanija Holiday Plan Limited kienet inezistenti. Dan ifisser li l-istess socjeta` kienet inezistenti ghall-effetti kollha tal-ligi u allura ma setghet qatt tkun f'posizzjoni li tinnegozja ma' terzi bhala persuna guridika awtonoma. Bl-ghaqda regolarment maghmula fit-termini tal-ligi s-socjeta` li tkun se tigi fuza f'ohra titlef il-personalita' guridika taghha bir-rizultat illi fil-kaz odjern kwalunkwe att maghmul minn Holiday Plan Limited wara l-20 ta' Settembru 1997 huwa null u bla effett.

"Illi ghaldaqstant l-iskrittura li permezz taghha gie assenjat il-kreditu in kwistjoni hija nulla u bla effett ghax saret minn persuna li ghall-fini u effetti kollha tal-ligi kienet inezistenti. Dan apparti l-fatt li permezz tal-istess skrittura kien qieghed jigi cedut kreditu li l-iskrittura li holqitu kienet hija stess nulla u ghalhekk kif jghid ir-**Ricci Vol. VII para. 268 , pagna 498** "Il credito ceduto si trasmette nel concessionario colle stesse qualita` e cogli stessi vizi dai quali era affetto allorche` si possedeva dal cedente, imperocche` la cessione di un diritto non puo` farsi che allo stesso modo in cui il diritto stesso spettava a colui che lo ho ceduto."

"Illi dwar in-nuqqas ta' interess guridiku tal-attur fil-mument li l-prezenta l-kawza huwa rilevanti li jinghad li "biex wiehed jipproponi domanda f'gudizzju, kif ukoll biex imantniha, hemm bzonn li jkollu interess fiha, jigifieri hemm bzonn illi d-domanda ggiblu rizultat utli jew vantaggjuz" **("Beatrice Manche noe –vs- Maria Montebello"** A.C. - 13 ta' Frar 1953), "b'mod li jekk l-azzjoni ma twassalx biex tipproduci tali rizultat ghal min jipproponiha, dik l-azzjoni ma tistax tregi" (**"Giuseppe Camilleri et –vs- Giuseppe Sammut et"** P.A. - 7 ta' Jannar 1953) u jekk ir-rizultat, jew sentenza, ma jkunx jista' jigi uzufruwit, dik l-azzjoni ma tistax tigi protetta (**"Michelangelo Bond –vs- Carmelo Mangion et"** A.C. 27 ta' Mejju 1991; u **"Albert Calleja –vs- Orazio Micallef"** A.C. - 1 ta' April 1992). Fuq il-kuncett tar-rizultat vantagguz jew utli, ossija ta' l-utilita` guridika issir riferenza ghas-sentenzi fl-ismijiet **"Veronica Farrugia et –vs- Mary Buhagiar"** (A.C. - 2 ta' April 1993) u **"Joseph Attard et –vs- Paul Baldacchino"** (A.C. - 5 ta' Ottubru 2001).

"Illi l-eccezzjoni tal-konvenuti hija fis-sens illi f'dan il-kaz jonqos dan l-interess attwali u legittimu ghaliex il-kreditu qatt ma ghadda ghand l-attur peress li s-socjeta` Holiday Plan Limited ma setghet qatt tassenjalu tali kreditu stante li ma kinitx tezisti. In mankanza ta' tali

kreditu, jirrizulta mankanti wkoll l-interess guridiku tal-attur biex javvanza l-pretensjonijiet odjerni.

"Illi l-konvenuti eccepew ukoll li dawn il-proceduri huma monki in kwantu l-attur naqas milli josserva id-dettami tal-**artikolu 1471 tal-Kodici Civili** qabel ma pprezenta l-kawza odjerna.

"L-attur da parti tieghu jissottometti illi l-konvenut kien jaf u ben edott bl-assenjazzjoni li saret stante li l-istess konvenut anke hareg bank draft pagabbli lill-attur f'ismu personali. Jirrizulta wkoll illi qabel giet intavolata l-kawza odjerna l-attur kien ipprezenta ittra ufficjali, liema ittra giet imwiegba mill-konvenuti fejn fiha ma saret ebda kontestazzjoni ghac-cessjoni u dan tenut kont tal-fatt illi fl-ittra ufficjali mibghuta mill-attur, ir-referenza ghall-attur hija bhala "s-successur fit-titolu tas-socjeta` Holiday Plan Limited".

"Illi rigward l-imsemmija materja l-esponenti taghmel referenza ghad-decizjoni fl-ismijiet "**Emmanuela sive Lily Schembri vs Marco Aroyo**" (P.A. 16 ta' Dicembru 1949) li fiha wiehed isib insenjament interessanti dwar it-taghrifa ta' cessjoni ta' kreditu. Fl-imsemmija sentenza il-Qorti kienet tal-opinjoni illi m'hemmx ghalfejn li l-iskrittura ta' cessjoni nnifisha tigi notifikata izda hu bizzejjed li tigi notifikata s-sustanza tal-konvenzjoni. Fl-istess sentenza gie kwotat l-awtur **Laurent** li jghid "E inutile far conoscere al debitore e ai terzi le clausole del contratto, che interessano soltanto le parti contraenti. L'unica cosa che essi abbiano interesse di sapere e' il fatto della cessione del credito. Ecco tutto quanto che deve essere notificato al debitore. Cosi` la pensano tutti gli scrittori; e la giurisprudenza ha consacrato questa opinione."

"Illi jirrizulta ghalhekk li l-konvenuti jistghu jigu kkunsidrati li kienu notifikati b'tali cessjoni permezz tal-ittra ufficjali datata 1 ta' Gunju 1999 (fol. 11), u dan apparti li jirrizulta li l-konvenuti kienu jafu u accettaw tali cessjoni de quo meta effettwaw pagamenti f'isem l-attur personalment, u cioe b'bank draft mahrug fil-15 ta' Jannar 1998 esebit a fol. 57 tal-process. Ghalhekk tali eccezzjoni qed tigi michuda."

Rat ir-rikors tal-appell tal-attur li ghar-ragunijiet hemm imsemmija minnu, talab illi din il-Qorti: 1. tirrevoka d-digriet tal-Prim'Awla tal-Qorti Civili tal-4 ta' April, 2006 u ma tiehux konjizzjoni tal-eccezzjonijiet ulterjuri kollha mressqa mill-appellati; u 2. tirriforma s-sentenza moghtija mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili fis-26 ta' April, 2012 fl-ismijiet premessi, fis-sens li filwaqt li tikkonferma dik il-parti tas-sentenza fejn il-Qorti cahdet l-eccezzjonijiet

2 (b) u (c) u t-tieni eccezzjoni taz-zewg eccezzjonijiet ulterjuri tal-appellati, thassar, tirrevoka u tikkancella in kwantu ghal dik il-parti tas-sentenza fejn l-ewwel Qorti laqghet l-eccezzjonijiet numri 1, 2 (a); 3 (a) u (b), 4 u l-ewwel eccezzjoni fin-nota ta' eccezzjonijiet ulterjuri tal-appellati u fejn cahdet it-talba attrici, u konsegwentement tilqa' t-talba tal-appellanti *in toto,* u dana bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra l-appellati.

Rat ir-risposta tal-konvenuti appellati li permezz taghha, ghar-ragunijiet minnhom imsemmija, talbu lil din il-Qorti tichad l-appell tal-attur appellant u tikkonferma minflok id-decizjoni tal-ewwel Qorti, bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra l-appellanti.

Rat li ma sar ebda appell in kwantu l-ewwel Qorti cahdet l-eccezzjonijiet tal-konvenuti, fis-sens li l-kunsens taghhom kien ivvizzjat bi vjolenza u li l-iskrittura kienet ibbazata fuq kawza illecita, u ghalhekk dik il-parti tas-sentenza ghaddiet in gudikat.

Rat il-verbal tas-seduta tal-14 ta' Gunju, 2016, quddiem din il-Qorti li permezz tieghu l-kawza thalliet ghas-sentenza, wara li l-avukati tal-partijiet dehru quddiem il-Qorti u trattaw l-appell.

Rat l-atti kollha tal-kawza, inkluz ix-xhieda u d-dokumenti mressqa mill-partijiet.

Ikkonsidrat:

Illi l-azzjoni attrici hija msejsa fuq zewg skritturi privati senjatament (1) dik ta' kostituzzjoni ta' debitu tal-14 ta' Frar, 1997, bejn Dr. Alex Perici Calascione, ghan-nom u in rapprezentanza ta' Nicholas De Giorgio, dan tal-ahhar bhala direttur manigerjali ta' Holiday Plan Limited, in forza ta' prokura datata 13 ta' Frar, 1997, bhala l-kreditur, u Joseph Savona, ghan-nom ta' Vincent Paul Savona u Valerie Savona, bis-sahha ta' prokura datata 25 ta' Dicembru, 1996, bhala d-debituri, fejn dawn tal-ahhar ikkostitwew lilhom infushom bhala debituri fis-somma ta' Lm100,000, li d-debituri ntrabtu li jhallsu lill-kreditrici a bazi ta' skeda ta' hlas; u (2) dik ta' cessjoni ta' kreditu datata 14 ta' Jannar, 1998, fejn Dr. Alex Perici Calascione, ghan-nom u in rapprezentanza ta' Holiday Plan Limited, li kienet ghada kreditrici fl-ammont ta' Lm38,000 bis-sahha tal-iskrittura msemmija qabel, ghaddiet id-drittijiet kollha appartenenti lilha bis-sahha tal-iskrittura tal-14 ta' Frar, 1997, lil Nicholas De Giorgio, bhala cessjonarju, li da parti tieghu assuma d-drittijiet u l-obbligi naxxenti mill-imsemmija skrittura.

Il-konvenuti jressqu numru ta' eccezzjonijiet bbazati principalment fuq in-nullita` tal-iskrittura ta' kostituzzjoni ta' debitu, u n-nullita` tal-iskrittura ta' cessjoni ta' kreditu u li fi kwalunkwe` kaz, ladarba ma thallsitx it-taxxa dovuta fuq l-istess skrittura ta' cessjoni a tenur tal-artikolu 36 tal-Att VII (sic XVII!) tal-1993, mhix producibbli bhala prova tal-allegat kreditu tal-attur kontra l-konvenuti a tenur tal-Artikolu 13 tal-istess Att. Gie eccepit ulterjorment illi l-attur m'ghandux interess guridiku peress li s-socjeta` Holiday Plan Limited kienet inezistenti fl-14 ta' Jannar, 1998, u ghalhekk ma seta' sar l-ebda cessjoni ta' kreditu gialadarba l-istess socjeta` kienet inkapaci li tassenja kreditu lill-attur. Gie eccepit ukoll li l-proceduri huma monki ladarba d-debituri ma kenux mgharrfa bic-cessjoni, kif jitlob l-Artikolu 1471 tal-Kodici Civili.

Kif rajna, l-ewwel Qorti laqghet uhud minn dawn l-eccezzjonijiet u cahdet it-talbiet attrici.

L-ewwel zewg aggravji tal-attur ser jigu trattati f'daqqa in kwantu huma relatati sew ma' xulxin. L-appellant jindirizza dik il-parti tas-sentenza tal-ewwel Qorti fejn laqghet l-eccezzjoni tal-konvenuti li l-iskrittura tal-kostituzzjoni ta' debitu hija nulla peress li ma kenitx iffirmata miz-zewg diretturi tas-socjeta` Holiday Plan Limited, u dan kif kontemplat fl-Artikolu 122 (recte 121) tal-Ordinanza dwar Socjetajiet Kummercjali (Kap. 168 tal-Ligijiet ta' Malta), u similment li c-cessjoni ta' dritt bejn

Holiday Plan Limited u l-attur hija nulla peress li ma gietx iffirmata mid-direttur ta' dak iz-zmien, skont l-Artikolu 428 (4) tal-Att XXV tal-1995 u l-Artikolu 122 (recte 121) tal-imsemmi Kap. 168 tal-Ligijiet ta' Malta.

In kwantu ghar-rapprezentanza tas-socjeta` Holiday Plan Limited, mill-assjem tal-provi jirrizulta li fil-mument tal-kuntrattazzjoni tal-iskrittura ta' kostituzzjoni ta' debitu, kif sewwa jirrileva d-difensur tal-appellanti, skont il-klawsola 18 tal-*Articles of Association* ta' Holiday Plan Limited, kien il-Bord tad-Diretturi li jorbot lill-kumpanija, filwaqt li l-kumpanija kellha fl-istess mument zewg diretturi, Brian Navarro u l-attur Nichola De Giorgio. In kwantu l-istatut ma kienx jipprovdi ghar-rapprezentanza legali tal-istess socjeta`, kien japplika it-tieni subinciz tal-Artikolu 121 tal-imsemmi Kap. 168 li kien jipprovdi li meta jkun hemm aktar minn direttur wiehed s-socjeta` ghandha tkun rapprezentata minn zewg diretturi; isegwi li kellhom jiffirmaw l-iskrittura z-zewg diretturi, l-appellant Nicholas De Giorgio u Brian Navarro.

Madanakollu, l-appellant iressaq l-argument validu illi l-ligi ma kenitx tipprovdi ghal nullita` espressa *ab initio* ta' atti maghmula xort'ohra. Fil-fatt, l-appellant isostni li De Gorgio, bhala direttur manigerjali fis-socjeta` Holiday Plan Limited, awtorizza lil Dr. Perici Calascione, permezz ta' prokura tat-13 ta' Frar, 1997, sabiex jidher fuq l-istess kostituzzjoni ta'

debitu – liema att jikkontendi li seta’ jkun annullabbli minn min kellu interess, per *via d’azione* u mhux *per via d’eccezzione.*

Din il-Qorti taqbel ma’ dan l-argument hekk kif imressaq da parti tal-appellant. F’dan ir-rigward issir referenza ghas-sentenza tal-Prim’Awla tal-Qorti Civili tal-5 ta’ Mejju, 1997, fil-kawza fl-ismijiet **Julia Borg et v. Carmel Brignone** fejn inghad illi:

> *“Il-qrati taghna dejjem irritenew li n-nullita' ta' kuntratt u konsegwentement l-obbligazzjoni naxxenti minn dak il-kuntratt tista' tigi dedotta per via d'eccezzjoni u mhux mehtieg li tigi dedotta b'azzjoni, u dana meta dik in-nullita' hija espressament stabbilita mil-ligi. L-Onorabbli Qorti ta' l-Appell fil-kawza Elena Agius vs Giuseppe Ciancio deciza fit-3 ta' Frar 1936 hekk esprimiet ruhha:-*
>
> *Il-kelma nullita' hija uzata fix-xjenza guridika f’zewg sensi, wiehed fis-sens proprju ta' "inezistenza", jigifieri kuntratt null ma jkunx jezisti u qiesu qatt ma sar, u l-iehor ta' "annulabilita'", jigifieri meta kuntratt jew att iehor jista' jezisti u jibqa' jsehh sakemm ma jigiex imhassar u mwaqqa' ghal xi raguni li ssemmi u trid il-ligi. Il-gurisprudenza ta' dawn il-Qrati hija kostanti li tirritjeni li meta l-kwistjoni hija ta' nullita', il-konvenut f’kawza jista' jqajjimha b'eccezzjoni, izda jekk hija wahda ta' annullabilita' hu ma jistax igibha 'l quddiem hlief b'kawza separata 'ad hoc'."*

Din il-Qorti tasal ukoll ghall-istess fehma tal-attur wara li ikkonsidrat li l-konvenuti tabilhaqq irrikonoxxew l-iskrittura ta’ kostituzzjoni ta’ debitu meta bdew ihallsu lil Holiday Plan Limited il-flus kontemplati fl-istess skrittura, u ghalhekk kienu qeghdin jirrikonoxxu d-debitu li kellhom fil-konfront ta’ din is-socjeta`, u kien biss fil-proceduri odjerni li qajjmu din l-eccezzjoni ta’ nullita`. Kif jghid l-appellant, ghal dak li sehh mid-direttur De Giorgio, kien hemm ukoll id-debita ratifika tacita da parti tas-socjeta`

tul iz-zmien li accettat il-hlas, u qatt ma giet imressqa xi oggezzjoni da parti taghha, jew da parti tas-socjeta` Five Limited, li kienet l-azzjonista maggoritarja fis-socjeta` Holiday Plan Limited.

Huwa ritenut illi ladarba s-socjeta` in kwistjoni ma qajmet ebda ilment u accettat dak li ghamel id-delegat taghha, dak li sehh jitqies validu. Kif intqal minn din il-Qorti fil-kawza fl-ismijiet **Borg v. Accountant General,** deciza fis-16 ta' Frar, 1993, il-parti l-ohra m'ghandha ebda dritt tikkontesta l-awtorita` tar-rapprezentant tal-kumpanija, peress li hija materja li tikkoncerna l-kumpanija u l-azzjonisti taghha. Hekk ukoll f'sentenza ohra ta' din il-Qorti (Sede Inferjuri) tas-7 ta' Lulju, 2003, fil-kawza fl-ismijiet **Said International Limited v. MAC Limited et,** intqal li l-persuna mahtura biex tirraprezenta s-socjeta`, m'hemmx bzonn tkun hekk registrata bhala rapprezentant taghha.

Ghalkemm skont il-konvenuti, il-ftehim tal-kostituzzjoni ta' debitu kellu jkun iffirmat minn zewg diretturi billi l-istatut ma kienx jipprovdi mod iehor, huwa ritenut illi l-obbligazzjonijiet assunti bl-iskrittura tal-kostituzzjoni ta' debitu tal-14 ta' Frar, 1997, favur is-socjeta` Holiday Plan Limited huma vinkolanti, minkejja d-dispozizzjonijiet tal-Ordinanza dwar is-Socjetajiet Kummercjali u dan billi, apparti dak li ntqal qabel, l-agir tal-istess socjeta` wara l-iffirmar tal-istess skrittura, jammonta ghal ratifikar tal-istess skrittura. Il-htiega li kull skrittura biex torbot il-

kumpanija trid tkun iffirmata minn zewg diretturi mhix xi regola ta' ordni pubbliku, izda intiza fl-interess tal-kumpanija stess; jekk din taccetta att li jkun iffirmat min direttur wiehed, il-parti l-ohra ma tistax tqajjem oggezzjoni.  L-istess jista' jinghad dwar l-iskrittura ta' cessjoni tal-kreditu sa fejn gie allegat in-nullita taghha fuq il-bazi li dik l-iskrittura giet iffirmata minn direttur wiehed.

F'dan ir-rigward, kif inghad minn din il-Qorti fis-sentenza taghha tat-28 ta' Novembru, 2003, fil-kawza fl-ismijiet **Deirdre Cachia et v. Gaba Diamonds Company Limited et**:

> *"Il-Qorti ta' l-Appell fl-appelli mill-Bord li jirregola l-Kera fis-sentenza moghtija fis-17 ta' Marzu, 2003 fil-kawza flismijiet "Carmen Aquilina et vs Edgar Ellul et" kellha hekk xi tghid in materja ta' ratifika:-.*
>
> *"In tema tar-ratifika tacita tajjeb li jigi rilevat illi anke fil-kaz tal-kunsens tacitu il-gurisprudenza irragunat li kien hemm bzonn essenzjalment ta' zewg rekwiziti cioe`* ***li dak li jikkonsenti jkun pjenament konsapevoli tal-vera portata u l-effetti tal-att li jinghad li huwa wiehed (sic) tacitament jikkonsenti jew jaccetta, u di piu` illi l-komportament tieghu jkun tali li jkun inkonciljabbli mal-volonta` tieghu li jzomm fermi d-drittijiet tieghu, b'mod li l-kondotta tieghu ma tistax tigi spjegata b'mod iehor hlief li huwa jkun accetta l-operat li ghalih ikun qed jigi allegat li akkonsenta****". Din il-Qorti taqbel pienament ma' dan.*
>
> "*Issa applikati dawn il-principji ghall-kaz odjern jidher li s-socjeta` konvenuta, tramite d-diretturi taghha, kienet pjenament konsapevoli tal-vera portata u l-effetti tal-att inkwantu l-istess diretturi li kienu fdati bit-tmexxija u l-amministrazzjoni tas-socjeta` kienu prezenti sew waqt it-trattativi kif ukoll waqt l-iffirmar tal-iskrittura ta' lokazzjoni."*

Hekk ukoll f'dan il-kaz, din il-Qorti m'ghandha ebda dubju li kemm is-socjeta` Holiday Plan Limited, kif ukoll l-istess konvenuti bl-agir rispettiv taghhom, irratifikaw l-iskrittura ta' kostituzzjoni ta' debitu, b'mod li l-

konvenuti hassewhom marbuta bl-obbligi naxxenti mill-istess skrittura meta bdew ihallsu l-flus lis-socjeta` Holiday Plan Limited, li da parti taghha bdiet taccetta l-pagamenti tramite d-direttur taghha Nicholas De Giorgio.

Ghalhekk isegwi li l-ewwel zewg aggravji tal-appellant jimmeritaw l-akkoljiment taghhom.

L-appellant, permezz tat-tielet aggravju, jilmenta wkoll fil-konfront tad-decizjoni tal-ewwel Qorti li laqghet l-eccezzjoni numru 3 (b) tal-appellati, li ssostni li c-cessjoni ta' dritt bejn is-socjeta` Holiday Plan Limited u l-attur hija wahda simulata u intiza biex tevadi t-taxxa, flimkien ma' dik numru 4, u cioe`, li l-iskrittura tal-14 ta' Jannar, 1998, li kienet intiza li tassenja kreditu minn Holiday Plan Limited lil attur, kienet soggetta ghall-hlas ta' taxxa fuq id-dokumenti li ma jirrizultax li thallset. Dan kien rikjest a tenur tal-Artikolu 36 tal-Att XVII tal-1993, l-Att dwar it-Taxxa fuq Dokumenti u Trasferimenti, u minghajr il-hlas relattiv, id-dokument mhux producibbli bhala prova tal-allegat kreditu tal-attur kontra l-konvenuti u dan a tenur tal-Artikolu 13 tal-istess Att.

L-appellant jikkontendi li apparti li t-taxxa li kienet dovuta thallset, huwa gab il-prova li kien hallas is-somma ta' Lm998, li huwa l-ammont li jirrispekkja l-ammont dovut ghat-transazzjoni in kwistjoni u li r-

rapprezentant tad-Dipartiment tat-Taxxi Interni, Ivan Portelli, ikkonferma li l-ammont li kien thallas kien ekwivalenti ghal din is-somma. Huwa jsostni li gab il-prova mehtiega ghall-kaz tieghu li hallas it-taxxa dovuta u li ghalhekk kien jinkombi lill-konvenuti jipprovaw dak minnhom allegat u jikkontestaw il-prova mressqa minnu.

Da parti tal-appellati jinghad li l-prova li tressqet da parti tal-attur mhix sodisfacenti peress li d-dokument tal-iskrittura ta' cessjoni nnifsu mhux "imbollat" u ghalhekk kieku tassew thallset it-taxxa skont il-ligi, kien jirrizulta mill-istess dokument, peress li l-hlas jigi registrat mid-Dipartiment koncernat fuq l-istess dokument. Inoltre l-appellati jirrilevaw li x-xhieda tar-rapprezentant tad-Dipartiment fil-verita` ma kenitx konkludenti ladarba dan ix-xhud ma setax jghid din is-somma ghal xhiex kienet thallset. Fl-ahhar mill-ahhar, huma jishqu li l-appellant ma jaghti ebda spjegazzjoni dwar kif id-data tal-ircevuta ma taqbilx mad-data tal-iskrittura ta' cessjoni. Ladarba l-attur ma ressaqx provi inekwivoci dwar il-hlas ta' taxxa, huma jikkontendu li skont l-artikolu 13 tal-Att XVII, dan id-dokument ma jistax jikkostitwixxi prova, stante li mhux ammissibbli u legalment ghalhekk ghandu jigi injorat.

Din il-Qorti ezaminat ix-xhieda ta' Ivan Portelli moghtija fl-24 ta' Frar, 2009, li filwaqt li kkonferma li <u>fl-24 ta' Ottubru, 2001</u> irrizulta li sar pagament ta' Lm998 skont l-ircevuta numru 8046, huwa ma setax jghid

dan il-pagament ghal x'hiex sar, peress li d-dipartiment ma zammx records. Izda jghid li dan il-pagament klassifikat bhala "*Unclassified Transfer of Credit*", normalment isir fejn ikun hemm kaz ta' taxxa dovuta u tithallas it-taxxa bi kreditu. L-ircevuta esebita, li minnha inekwivokabilment jirrizulta li l-hlas sar fl-24 ta' Ottubru, 2001, jigifieri ben oltre` tliet snin wara li saret l-iskrittura ta' cessjoni u aktar minn sena wara li nbdew il-proceduri odjerni, ukoll titfa dubji dwar jekk il-hlas sarx jew le ghat-trasferiment in kwistjoni .

Din il-Qorti qieset ukoll illi l-Artikolu 36 tal-imsemmi Att XVII tas-sena 1993 jipprovdi illi:

> "*There shall be charged on any assignment of any debt or any other right, referred to in Sub-Title VII of Title VI of Part II of Book Second of the Civil Code…a duty of Lm 2.60 for every Lm 100 or part thereof of the amount or value of the consideration of such transfer or the value of the thing transferred, whichever is the higher*."

Meta wiehed jiehu l-valur tac-cessjoni fl-ammont ta' Lm38,000 u jahdem it-taxxa dovuta skont ir-rata hawn fuq stabbilita, wiehed isib li tassew it-taxxa dovuta kienet dik ta' Lm 988. *Prima facie* l-ammont jaqbel ma' dak fuq l-ircevuta esebita.

Madanakollu din il-Qorti m'ghandhiex il-konvinciment morali li dawn il-flus tassew thallsu fuq il-kuntratt ta' cessjoni ta' kreditu, li fuqu jsejjes l-azzjoni tieghu l-attur, proprju anke minhabba d-diskrepanza fid-data. Lanqas m'hemm il-prova li din it-taxxa thallset in konnessjoni ma' dan il-kuntratt u mhux fuq kwalunkwe kuntratt iehor. Ghalhekk jirrizulta

accertat li fil-mument li giet istitwita l-kawza, da parti tal-attur, zgur li ma kenitx thallset it-taxxa fuq l-iskrittura ta' cessjoni ta' kreditu u ghalhekk isegwi li l-ewwel Qorti kienet korretta meta irriteniet li a tenur tal-Artikolu 13 tal-Att dwar it-Taxxa fuq Dokumenti u Trasferimenti, tali skrittura ma setghetx tingieb bhala prova quddiem il-Qorti. (Ara f'dan is-sens ukoll is-sentenza tal-Qorti tal-Kummerc tat-22 ta' Marzu, 1993, fil-kawza fl-ismijiet **Salvatore Bezzina et v. Norman Mifsud noe**).

Huwa argumentat mill-appellant illi din ic-cessjoni giet accettata mill-appellat meta sar xi hlas akkont lilu. Dan jista jkun minnu, pero`, din il-Qorti ma tistax taghti effett u/jew validita` lill-iskrittura li, skont il-ligi, mhiex valida. Il-ligijiet li jirregolaw il-hlas ta' taxxa huma ta' ordni pubbliku u jridu jinghataw l-effett legali taghhom. Darba li l-ligi trid li cessjoni ta' kreditu tkun bil-miktub (Artikolu 1470 tal-Kodici Civili), u ma saretx "prova" ta' cessjoni (ghax id-dokument relattiv, kif inhu, mhux ammissibbli), din il-Qorti ma tistax, fil-ligi, tqies li saret l-allegata cessjoni.

Ghalhekk dan it-tielet aggravju tal-appellant ser jigi michud peress li ma jirrizultax bhala wiehed fondat.

Permezz tar-raba' aggravju tieghu, l-appellant jattakka d-digriet tal-ewwel Qorti tal-4 ta' April, 2006, li permezz tieghu, intlaqghet it-talba tal-konvenuti li jipprezentaw nota ta' eccezzjonijiet ulterjuri, sitt snin wara li

nfethu l-proceduri, minkejja l-oggezzjoni tieghu moghtija fir-risposta relattiva.  Filwaqt li jikkoncedi li l-eccezzjonijiet moghtija ulterjorment kienu ta' natura perentorja, huwa jilmenta li l-ewwel Qorti laqghet it-talba tal-konvenuti, minghajr ma tat ebda raguni ta' kif waslet ghad-decizjoni taghha, meta jishaq li l-Artikolu 728 tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili (Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta) ma jippermettix dan, sakemm ma jkunx hemm ragunijiet validi ghala ma setghux jinghataw qabel, liema ragunijiet, huwa jinsisti li f'dan il-kaz ma kienx hemm.

Jirrizulta li huwa minnu li l-ewwel Qorti fid-digriet taghha tal-4 ta' April, 2006 ma tat ebda raguni ghad-decizjoni li ttiehdet.

L-Artikolu 728 tal-imsemmi Kap. 12 jipprovdi illi l-eccezzjonijiet dilatorji u dawk fil-mertu, ghandhom jinghataw fil-bidu tad-difiza, b'dan illi t-tieni subinciz jipprovdi li l-qorti, tista' meta tkun sodisfatta li kien hemm ragunijiet validi l-ghala dawn ma nghatawx fil-bidu, tippermetti li jinghataw aktar eccezzjonijiet meta jsir rikors appozitu.  Fil-fatt l-Artikolu 731 tal-istess Kodici jipprovdi espressament illi d-dispozizzjoni hawn qabel imsemmija, ma tapplikax fil-kaz fejn (a) meta b'dispozizzjoni espressa fl-istess Kodici jinghad li l-eccezzjoni tista' tinghata f'kull waqt tal-kawza; (b) jew meta r-raguni li tinghata eccezzjoni ulterjuri tinqala' waqt il-kawza.  Permezz tal-Artikolu 732 tal-istess Kodici jinghad ukoll specifikament li l-provvedimenti tal-Artikolu 728 m'ghandhomx japplikaw

ghall-eccezzjonijiet ta' natura perentorja, li jistghu jinghataw ukoll fil-grad ta' appell, ghalkemm ma jkunux gew moghtija fil-qorti tal-ewwel grad.

F'dan il-kaz jirrizulta illi meta l-konvenuti ressqu r-rikors taghhom fid-9 ta' Jannar, 2006, sostnew illi (i) saru jafu f'dawk il-granet li s-socjeta` Holiday Plan Limited kienet "*struck off*" fl-20 ta' Settembru, 1997 u ghalhekk is-socjeta` kienet inezistenti meta saret il-kitba ta' assenjazzjoni ta' kreditu fl-14 ta' Jannar, 1998, u (ii) illi l-proceduri huma monki peress li l-attur bhala cessjonarju naqas li jinnotifika lill-konvenuti bhala debituri bic-cessjoni permezz ta' att gudizzjarju, kif jiddisponi l-Artikolu 1471 tal-Kodici Civili. Il-konvenuti sostnew li l-eccezzjonijiet huma ta' natura perentorja fuq il-mertu, b'mod li jekk jintlaqghu, jezawrixxu ghal kollox il-mertu u ghalhekk jistghu jinghataw f'kull stadju tal-proceduri.

Trattati l-argumenti mressqa mill-kontendenti, fuq il-punt in ezami, issir referenza ghas-sentenza ta' din il-Qorti tas-16 ta' Dicembru, 2003 fil-kawza fl-ismijiet **Sunspot Tours Limited v. C.H. Caterers Limited** fejn inghad:

> *"Din il-Qorti tosserva li l-provvedimenti migbura fis-Subtitolu I tat-Titolu II tat-Tielet Ktieb tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili u cioe` dawk "Fuq l-eccezzjonijiet in generali" qed joholqu certa disgwid mhux biss fil-kaz odjern izda wkoll f'procedimenti ohra fejn tinhass il-htiega li jitressqu eccezzjonijiet ulterjuri. Ikun utili ghalhekk li jigu ezaminati l-imsemmija provvedimenti sabiex jigi stabbilit darba ghal dejjem x'jista` jew ma jistax jsir 'pendente lite.'*

> "*Kif gja nghad hawn fuq ir-regola generali hija li l-eccezzjonijiet kollha sew dilatorji kif ukoll dawk dwar il-meritu ghandhom jinghataw fin-nota tal-eccezzjonijiet jew fir-risposta skont il-kaz. Ghal din ir-regola hemm zewg eccezzjonijiet:- 1) d-dritt tal-parti li tressaq eccezzjonijiet ohra jekk tissodisfa l-Qorti li kien hemm ragunijiet validi l-ghaliex ma jkunux inghataw fin-nota tal-eccezzjonijiet jew fir-risposta; u 2) d-dritt tal-parti li tressaq dawk l-eccezzjonijiet li jistghu b'dispozizzjoni espressa tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili jinghataw f'kull waqt tal-procedimenti, jew ghall-eccezzjonijiet li jinqalghu waqt il-kawza. Fost dawn hemm l-hekk imsejha eccezzjonijiet perentorji li ghandhom l-effett li jwaqfu l-proceduri.*
>
> "*L-Artikolu 731 li jitkellem dwar dawk l-eccezzjonijiet li, b'dispozizzjoni espressa tal-ligi, jistghu jinghataw f'kull waqt tal-procedimenti, jiddisponi espressament li f'dawn il-kazi l-provvediment ta' l-Artikolu 728 ma jghoddux. Dan jfisser li meta, waqt is-smiegh tal-kawza, tinqala l-htiega li tinghata eccezzjoni perentorja jew kull eccezzjoni ohra li, b'dispozizzjoni espressa tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta, tista` tinghata f'kull waqt tal-procedimenti, inkluzi dawk l-eccezzjonijiet li jinqalghu waqt il-kawza, ma jkunx mehtiex li ssir talba lill-Qorti kif kontemplat fis-subinciz (2) ta' l-Artikolu 728 u konsegwentement hija eskluza kull diskrezzjoni ta' dik il-Qorti li tezamina jekk kienx hemm raguni valida l-ghaliex tali eccezzjoni ma tkunx inghatat fin-nota tal-eccezzjonijiet jew fir-risposta. Dan ghaliex l-eccezzjonijiet perentorji ghandhom l-effett li jwaqfu l-proceduri, u l-eccezzjonijiet li jinqalghu waqt il-kawza qatt ma' setghu jitressqu fi stadju tal-prezentata tan-nota tal-eccezzjonijiet. L-indagini tal-Qorti f'dawn il-kazi ghandha tkun limitata biex tistabilixxi jekk verament tali eccezzjonijiet humiex ta' natura perentorja jew jekk il-htiega taghhom inqalatx waqt il-proceduri. Tista` se mai, fil-kaz ta' eccezzjonijiet perentorji li jinghataw fil-mori tal-proceduri, tordna temperament fil-kap ta' l-ispejjez kemm-il darba jirrizulta li l-ostakolu ghal dawk il-proceduri kien pre-ezistenti l-prezentata tal-eccezzjonijiet jew ir-risposta.*"

Huwa ritenut li fir-rigward tal-eccezzjoni relattiva ghall-interess guridiku, din hija ta' natura perentorja tal-gudizzju li tista' tigi sollevata anke fl-istadju tal-appell, peress li huwa assodat fil-gurisprudenza taghna li l-interess guridiku ghandu jissussisti f'kull stadju tal-kawza, anke f'dak tal-appell.

Ghalhekk tali eccezzjoni ulterjuri setghet titressaq fil-waqt li ghamluha l-konvenuti. Ladarba wahda mill-eccezzjonijiet mitluba li jitressqu ulterjorment kienet perentorja, ma jehtiegx li dan l-aggravju jigi mistharreg ulterjorment, peress li jirrizulta li sostanzjalment l-ewwel Qorti kienet korretta meta laqghet it-talba li titressaq nota tal-eccezzjonijiet ulterjuri f'dak l-istadju tenut kont in-natura tal-eccezzjoni ulterjuri. Fi kwalunkwe kaz, l-eccezzjoni ulterjuri dwar in-nuqqas tal-attur li jinnotifika lill-konvenuti bhala debituri bic-cessjoni permezz ta' att gudizzjarju, kif jiddisponi l-Artikolu 1471 tal-Kodici Civili, kienet michuda fil-mertu u ma hemm ebda appell f'dan ir-rigward.

Ghalhekk lanqas ir-raba' aggravju ma jimmerita li jintlaqa'.

Jonqos ghalhekk li jigi trattat il-hames aggravju tal-appellant, senjatament fejn tigi attakkata s-sentenza appellata, in kwantu laqghat l-ewwel eccezzjoni ulterjuri tal-appellati, rigwardanti proprju n-nuqqas ta' interess guridiku tal-attur. L-appellant isostni li s-socjeta` Holiday Plan Limited kienet wahda attiva meta dahlet fil-kuntratt ta' kostituzzjoni ta' debitu mal-konjugi Savona, u jikkontendi li l-lanjanza tal-konvenuti, li l-ladarba l-istess Holiday Plan Limited kienet *struck off* f'Settembru tas-sena 1997 allura ma seta' qatt isir il-kuntratt ta' cessjoni favurih fil-bidu tas-sena 1998, hija wahda nfondata. Jghid dan peress illi ezatt wara c-cessjoni ta' dritt, l-appellati hallsuh l-ammont ta' Lm7,600, li jikkostitwixxi

agir inekwivoku li bih rrikonoxxew dak il-ftehim li bih assuma l-kreditu li kien hemm bejn l-appellati u s-socjeta` Holiday Plan Limited.

Din il-Qorti bhal dik ta' qabilha, tirrileva li jibqa' il-fatt inkonfutabbli li s-socjeta` Holiday Plan Limited giet *struck off* mir-registru tal-kumpaniji fl-20 ta' Settembru, 1997. B'effett minn dik il-gurnata, spiccat il-personalita` guridika tal-imsemmija socjeta` u ghalhekk ma seta' qatt ikun possibbli li fl-14 ta' Jannar, 1998, socjeta` inezistenti taghmel att jew ftehim li permezz tieghu jsir kuntratt ta' cessjoni ta' kreditu, li bih titrasferixxi d-drittijiet taghha lill-attur. Kif tajjeb josserva d-difensur tal-konvenut: *Quod nullum est nullum producit effectum,* u ghalhekk huma rrilevanti l-argumenti tal-appellant dwar l-amalgamazzjoni li sehhet bejn is-socjetajiet Holiday Plan Limited u Five Limited, li f'kull kaz tappartjeni lilu. Dan apparti l-fatt li, kif inghad qabel, ma hemmx fl-atti prova valida tal-allegata cessjoni ta' kreditu.

Ghalhekk dan l-aggravju wkoll ma jisthoqqlux illi jintlaqa'.

Ghaldaqstant din il-Qorti, ghar-ragunijiet premessi, tiddisponi mill-appell interpost mill-attur billi filwaqt li tilqghu limitatament in kwantu tiddikjara l-iskrittura ta' kostituzzjoni ta' debitu bhala wahda valida, izda tichdu fil-bqija u ghalhekk tikkonferma f'dan is-sens il-bqija tas-sentenza tal-ewwel Qorti.

Fic-cirkostanzi l-ispejjez kollha taz-zewg istanzi jithallsu in kwantu ghal erbgha minn hamsa ($^4/_5$) mill-attur u in kwantu ghal wiehed minn hamsa ($^1/_5$) mill-konvenuti.

| | | |
|---|---|---|
| Silvio Camilleri<br>Prim Imhallef | Tonio Mallia<br>Imhallef | Joseph Azzopardi<br>Imhallef |

Deputat Registratur
df